**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta` Marzu 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**Vs**

**PACIFICO AGIUS**

Kump Nru. 494/2010

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Pacifico Agius** detentur tal-karta tal-identita numru 88458(M) iben Andrew u Rosina nee' Gauci mwieled San Pawl il-Bahar fit-2/01/1958 u residenti gewwa No.2, Dahia, Triq il-Maghsar, San Pawl il-Bahar**,** gie akkuzat talli :

Fil-11 ta' Frar 2010 gewwa l-Qorti tal-Gustuzzja, Valletta waqt il-'*Health Sitting'* hlift il-falz quddiem il-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D, li ghandha s-setgha b'ligi li taghti l-gurament.

Il-Qorti ghandha, f'kaz li tikkundanna lill-imputat, flimkien ma' pieni ohra, tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-20 ta` Mejju 2010 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara *folio* 2);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dan il-procediment;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difiza u rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni;

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor li wasslu ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti.

1. Illi waqt spezzjoni li sehhet fit-8 ta` Frar 2005 gewwa l-fond Amazon Limited, St. Edward Street, Qormi, deher bic-car li kien hemm numru ta` nuqqasijiet ghal dak li kellha x'taqsam is-sahha pubblika.

2. Illi dan wassal sabiex permezz ta` *undertaking* datat 15/03/2005 maghmul minn John Buhagiar, bhala l-persuna responsabbli, l-istess John Buhagiar kellu jassigura li jirregola ruhu sa mhux aktar tard mill-15/09/2005;

3. Illi peress li dan ix-xoghol ta` regolarizzazzjoni minn naha ta` John Buhagiar ma kienx sar sad-data tal-15/09/2005, ittiehdu proceduri penali kontra l-imsemmi John Buhagiar permezz ta` tahrika li nharget fid-9 ta` Jannar 2006;

4. Illi waqt dawn il-proceduri li kienu pendenti kontra John Buhagiar, l-imputat bhala Health Inspector mad-Dipartiment tas-Sahha, tela jixhed fil-11 ta` Frar 2010 quddiem il-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani, u bil-gurament qal illi hu kien ghamel spezzjoni fil-fond *de quo* fid-9 ta` Frar 2010 u kien sab li hlief ghal haga wahda specifika, ix-xoghol li kellu jsir fl-*undertaking* kien tlesta;

5. Illi sussegwentement fit-18 ta` Frar 2010, waqt spezzjoni li kienet saret fil-fond *de quo*, kondotta minn ufficjal iehor u mhux minn Pacifico Agius, instabu hafna nuqqasijiet. Dan bhala fatt kien jikkontradici sew dak li kien qal l-imputat fix-xhieda tieghu ta` nhar il-11 ta` Frar 2010;

6. Illi konsegwenza ta` dawn il-fatti, l-imputat mbaghad tressaq il-Qorti biex jirrispondi ghall-akkuza talli halef il-falz;

**Ikkunsidrat**;

Fl-analizi tar-rizultanzi processwali ta` dan il-kaz, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa r-ricerka voluminuza maghmulha minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Joseph Mifsud fis-sentenza moghtija fl-1 ta` Frar 2017 fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija (Spt. Kylie Borg) vs Giovanni Francesco Selvaggi**" (Kump 641/2012). Kif ben tajjeb qalet dik il-Qorti, il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali, jelenka erba' elementi li huma essenzjali ghall-ezistenza ta' dana r-reat tal-*judicial perjury* u cioe':

"(i) *a testimony given in a cause*.
(ii) *on oath lawfully administered by the competent authority*.
(iii) *falsity of such testimony in a material particular*.
(iv) *willfulness of such falsity or criminal intent*."

Dwar l-ewwel element m'hemmx wisq x'jinghad. M'hemmx dubbju illi l-imputat Pacifico Agius kien xhud li kien qed jixhed f'kawza fil-Qorti skond il-ligi.

It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u cioe' li x-xhieda falza trid tkun giet moghtija taht gurament li jigi moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti. Ma hemmx dubbju li fil-kaz ta` l-imputat odjern, u kif jirrizulta minn dawn l-atti, huwa kien inghata l-gurament mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali qabel xehed fis-seduta tal-11 ta` Frar 2010.

It-tielet u r-raba elementi huma dawk li jitkellmu dwar in-natura tax-xhieda li tinghata u l-intenzjoni tax-xhud.

Lura ghas-sentenza msemmija fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Giovanni Francesco Selvaggi", il-Qorti tal-Magistrati tkompli tghid hekk :

"Ghalhekk fit-tielet lok il-falsita' trid tkun tirreferi ghall-**fatt materjali u determinanti ghall-ezitu tal-kawza**. Il-Mamo jghid: "*In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. … the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist.*" Ikompli jikkwota dak li jghid il-Maino: "*Perche' sussista la falsa testimonianza … e' necessario che le circostanze falsamente asserite o*

*maliciosamente taciute* ***siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa***." (sottolinjar tal-Qorti).

Ghalhekk kwalunkwe xhieda li m'ghandha l-ebda relevanza ghall-ezitu tal-kawza ghalkemm tista' tkun inveritjiera ma tista' qatt twassal ghar-reat tal-ispergur."

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew 'l hekk imsejha *mens rea* tax-xhud li jigdeb taht gurament. Sabiex jissussisti dana r-reat bilfors illi x-xhud irid ikollu l-intenzjoni doluza u cioe' irid volontarjament u bil-hsieb jixhed il-falz jew ma jghidx il-verita'.

**Ikkunsidrat**;

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba, il-ligi applikabbli, u l-gurisprudenza in materja. Qieset il-principju baziku li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, ikun jehtieg li l-elementi kollha ta` din l-akkuza jigu ppruvati skond il-ligi.

Din il-Qorti hi tal-fehema illi fil-kaz odjern, huwa mankanti t-tielet element kostituttiv tar-reat in dizamina. Dan ghaliex, ix-xhieda ta` Pacifico Agius tal-11 ta` Frar 2010 – indipendentement mill-fatt jekk kienetx falza, inveritiera, mhux kompleta (jista jintuza kull tip ta` aggettiv iehor) – ma setghet qatt kienet **materjali u determinanti ghall-ezitu tal-kawza**.

L-ezitu tal-kawza kontra John Buhagiar - li kien akkuzat ***talli fil-15 ta` Dicembru 2005 fil-11.00am u matul dawn il-granet go Amazon, St. Edward Street, Qormi, kiser garanzija maghmulha fil-15 ta` Marzu 2005*** **–** ma seta qatt jistrieh jew jigi determinat mix-xhieda ta` Pacifico Agius li huwa ta fis-seduta tal-11 ta` Frar 2010.

Il-fattur determinanti bhala prova kontra John Buhagiar kellu jkun jekk huwa kisirx il-garanzjija li huwa ta lid-Dipartiment tas-Sahha premezz ta` l-*undertaking* datat 15/03/2005 maghmul minnu, bhala l-persuna responsabbli, fejn l-istess John Buhagiar kellu jassigura li jirregola ruhu sa mhux aktar tard mill-15/09/2005. U kien propju ghaliex dan ix-xoghol ta` regolarizzazzjoni minn naha ta` John Buhagiar ma kienx effettivament sar sad-data tal-15/09/2005, li allura ittiehdu proceduri penali kontra l-imsemmi John Buhagiar permezz ta` tahrika li nharget fid-9 ta` Jannar 2006.

Il-prova relevanti ghall-imputazzjoni migjuba kontra John Buhagiar kienet tirreferi ghal dak li sehh bejn il-15/03/2005 (id-data ta` l-*undertaking* tieghu) u l-15/09/2005 (id-data sa meta huwa kien intrabat li jaghmel ix-xogholijiet skond l-*undertaking*).

Kull xhieda ohra li tirreferi ghal fatti li ma kienux jaqghu fil-parametri tal-perjodu precis imsemmi fl-ahhar paragrafu qabel dan, ghandha titqies bhala xhieda mhux pertinenti ghall-kawza u konsegwentement bla ebda effett fuq il-kawza.

Konsegwentement, jekk John Buhagiar kienx ottempra ruhu fid-9 ta` Frar 2010 jew le, kien fatt li ma kellu ebda rilevanza fuq l-ezitu tal-kawza partikolari u preciza li kien qed jixhed fuqha l-imputat Pacifico Agius.

La darba dan it-tielet element tar-reat in dizamina huwa mankanti, ma hux mehtieg li din il-Qorti tidhol fuq il-kwistjoni ta` l-ahhar element, dak dwar il-*mens rea*.

**Decide**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL PACIFICO AGIUS MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONI DEDOTTA KONTRA TIEGHU U MINNHA TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur